MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 546/2005

**Paul u Phyllis konjugi Zahra**

**vs**

**Joseph u Susan konjugi Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ippremettew illi huma kienu selfu *"brevi manu"* lill-konvenuti s-somma ta' sebat elef u tminn mija u sittin lira (Lm7,860) u dana mal-bejgh tad-dar li l-atturi bieghu lill-konvenuti bl-isem ta' *"Footscray"* Triq l-Ghexierem, Rabat (Malta);

Dan il-kreditu favur l-atturi huwa likwidu, cert u dovut;

Minkejja li interpellati l-konvenuti baqghu inadempjenti u m'ghamlux il-hlas relattiv;

Fil-fehma tal-atturi, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebat elef, tminn mija u sittin lira Maltin (Lm7,860) lill-atturi u dana rappresentanti self li l-istess atturi ghamlu lill-konvenuti meta dawn ta' l-ahhar xtraw ir-residenza msemmija *"Footscray"* Triq l-Ghexierem, Rabat (Malta).

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mill-presentata ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u lanqas ma deheru fl-udjenza li ghaliha kienu imsejha u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------